MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 950/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**JEFFREY PAPPALARDO iben Giovanni u Mary Anne nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta'nhar l-14.06.1982, residenti fil-fond Block B, Flat 4, Tal-Hawli Housing Estate, Birgu, detentur tal-karta tal-identita' numru 329182M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jeffrey Pappalardo** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Settembru, 2007, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1982 kif sussegwentement emendati, u 40(A) u 120(A); u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu esklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli fit-30.09.2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu medicini ristretta u psikotropika (MCPP) meta ma kinx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 subinciz 1 tal-Avviz Legali 22/1985 kif emendat u 40A u 120A tat-Tielet Skeda ta' Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoni li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u Artiklu 16 Att 5 tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi Jeffrey Pappalardo wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 u 31 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 440).

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament ix-xhieda migjuba u d-dokumenti prodotti.

Mix-xhieda tat-tliet ufficjali tal-pulizija nvoluti fis-search li wasslet ghall-arrest ta' Jeffrey Pappalardo jirrizultaw certi punti li ser jigu elenkati. Il-pulizija in kwistjoni kienu PS 1086 Johann Micallef, PC 1319 Matthew Xuereb, u PC 10 Trevor Cassar Mallia. Jaqblu t-tlieta li huma (f'dettalji diversi) li fil-garaxx li dahal fih l-imputat, fuq bank instabu diversi oggetti relatati mad-droga, skieken u mizien. Anke nstabet tieqa - bejn din it-tieqa u l-hajt instabu mohbija anke tliet skieken imdahhlin go fil (wahda minnhom fil-fatt waqaghtilhom ghal isfel). L-oggetti elevati gew ben dokumentati mis-SOCO (vide anke ritratti formanti parti minn Dok KG folio 310), kif ukoll ezaminati mill-espert Godwin Sammut. Kemm PS 1086 kif ukoll PC 1319 qablu wkoll illi barra t-tfittxija li saret fil-garaxx bis-sejba tad-droga u oggetti maghha relatati, saret ukoll tfittxija fil-kamra tas-sodda tal-imputat minn fejn gie elevat joint suspettat li fih ir-raza.

Kif gie premess l-espert Godwin Sammut ghamel l-analizi tad-droga misjuba fejn ikkonkluda hekk:

a. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 594_07_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 18.2grammi. Il-purita' tat-trab ta' lewn abjad li kien ta' circa 35%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Illi fl-estratti mehuda at random mill-pilloli ta' lewn roza (41 pillola b'kollox) li hemm fid-dokument 594_07_02 instabet is-sustanza mcPP. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Illi fl-estratti mehuda mit-tliet pilloli ta' lewn abjad, mill-pillola ta' lewn blu, mill-pillola ta' lewn orangjo, u mill-pillola ta' lewn isfar (6 pilloli b'kollox) li hemm fid-dokument 594_07_02 instabet is-sustanza MDMA. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 594_07_02, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 14.37 grammi u l-purita' kienet ta' circa 7.2%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Illi fl-estratti mehuda mill-werqa niexfa li hemm fid-dokument 594_07_02, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinal. Il-piz tal-werqa kien ta' 0.57 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 594_07_03, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-cannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 24.76 grammi u l-purita' kienet ta' circa 9.5%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 594_07_04, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta cannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta’ 259.86 grammi u l-purita’ kienet ta’ circa 8.3%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

h. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanzi ta’ lewn kannella li hemm fid-dokument 594_07_06 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta cannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta’ 145.08 grammi u l-purita’ kienet ta’ circa 9.8%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

i. Illi fuq swab mehuda mill-grater li hemm fid-dokument 594_07_06, instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta cannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

j. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta’ lewn abjad li hemm fid-dokument 594_07_07 ma nsabitx droga, fil-waqt illi fuq swab mehuda mill-mizien li hemm fl-istess dokument, jigifieri 594_07_07 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

k. Illi fl-estratt mehud mit-trab ta’ lewn abjad li hemm fid-dokument 594_07_08 ma nstabitx droga;

l. Illi fuq swab mehuda mis-sikkina li hemm fid-dokument 594_07_09 ma nstabitx droga;

m. Illi fuq estratt mehud mill-flixkun li hemm fid-dokument 594_07_10 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-cannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

n. Illi fuq swab mehuda mill-mizien li hemm fid-dokument 594_07_11 ma nstabitx droga;

o. Illi fuq estratt mehuda mill-karta rromblata forma ta' sigarett li hemm fid-dokument 594_07_12 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

p. Illi mill-analizi li saret fuq iz-zerriegha (sitta zerriegha) li kien hemm fid-dokument 594_07_02 irrizulta li ma kinx germinabbli.

Gie anke mahtur biex jaghti l-valur tal-istess droga misjuba, dan ghamlu skont il-Malta Drug Situation 2006 National Report. Hawn ikkonkluda s-segwenti – fil-konfront tar-raza tal-kannabis il-valur minimu ta' €1,032.21 u massimu ta' €2,064.42 (folio 288); il-valur tad-droga kannabis herb minimu ta' €3.42 jew €4.56 massimu; il-valur tad-droga kokaina minimu €1,274 jew massimu €1,874.60; fil-konfront tad-droga ecstasy minimu €36 jew massimu €84.

Ingab ukoll jixhed mill-Prosekuzzjoni certu Alfred Bouvett - dan sid il-garaxx li fih instabet id-droga mertu ta' dawn l-akkuzi (ghajr ghall-joint misjuba fil-kamra tas-sodda). Qal illi hu l-garaxx kien krieh lil missier l-imputat Gerald Pappalardo. Qal illi fil-fatt il-kera kien ihallasha l-missier. Ikkonferma (wara hafna tlaqlieq) li gieli ra lill-imputat johrog il-karozza minn gol-garaxx. Qal illi hadd aktar ma kellu c-cwievet ta' dan il-garaxx. Zied ukoll dwar ic-cwievet li hu anke lit-tifel talabhom ic-cwievet ghax it-tifel, cioe' l-imputat, kellu wkoll, tant illi anke qal u anke kien talab ic-cwievet lill-missier, pero kien gabhomlu t-tifel.

Xehed ukoll kif imressaq mill-Prosekuzzjoni certu David Debono in rapprezentanza ta' AIG Insurance. Xehed billi pprezenta zewg certifikati ta' poloz ta' assigurazzjoni mahruga fuq zewg vetturi - JEF609 u FBF368, Toyota

RAV4 u Suzuki Samurai rispettivament, poloz li kienu jsejhu lil Jeffrey Pappalardo, Dok DD u Dok DD1.

Fil-konfront tal-vetturi ghandu jinghad ukoll illi PC 1319 Matthew Xuereb xehed illi meta saret it-tfittxija fil-garaxx, hemm instabu tliet karozzi – Honda Integra, Toyota RAV4, u Suzuki Samurai.

Giet ezebita wkoll ir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia li ghamel ezami komparattiv tal-impronti digitali u tal-palma tal-id tal-imputat mal-ezebiti migbura - dan l-ezami ta ezitu negattiv.

Giet anke ezebita r-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada, senjalament estratt ta’ messaggi SMS minn fuq cellulari appartenenti lill-imputat, Dok MB. Ghal dan ghamel ampja referenza l-imputat meta offra d-deposizzjoni tieghu.

Xehed minn jeddu wkoll l-imputat Jeffrey Pappalardo. Qal u kkonferma li kien gie arrestat meta mar igib karozza mill-garaxx, skondtu fuq struzzjonijiet ta’ missieru. Qal illi biex jiftah il-garaxx, hu ha c-cavetta minn wara l-bieb tad-dar ta’ ommu fejn kien hemm key holder. Qal illi mill-garaxx hareg il-karozza ta’ missieru u ta’ ommu. Qal illi kien dak il-hin li dahlu n-nies ifittxu, pero dan fi kliemu dejjem go garaxx ta’ missieru. Qal illi stante li c-cavetta tal-garaxx kienet tithalla wara l-bieb, kulhadd kellu access ghal din ic-cavetta.

Spjega li access ghal go dan il-garaxx kellhom kemm ommu, missieru, huh u hu nnifsu. Spjega wkoll illi ghal xi zmien huh kien anke qieghed ihalli l-mutur hemm gew.

Dwar karozzi li kienu jinzammu go dan il-garaxx, wiegeb illi l-aktar li kienu juzawh, cioe’ jdahhlu l-karozzi fih, kienu ommu u missieru. Qal ukoll illi fil-karozza tieghu l-pulizija ma sabu xejn. Xehed illi fil-garaxx kien hemm bank tal-kcina li skondtu missieru kien jghid lilu u lil huh biex qatt ma jmissuh. Ikkonferma li l-pulizija fethu dak il-bank u sabu dak li sabu, u anke hadu r-ritratti ta’ dan. Qal ukoll illi dak il-hin wasal missieru li ghall-imputat deher ecitat. Qal ukoll illi saret search ohra go garaxx iehor, fejn anke

missieru kien idahhal il-karozza tieghu. Ikkonferma anke li l-pulizija dahlu gol-kamra tieghu, qallbu go cupboard u skondtu go fih sabu skratac, xi comb, u xi porvli, kif ukoll mizien tar-ramm ta’ nanntu. Xehed illi d-Depot gie muri xi affarijiet li pero ma setax jirrikonixxi li kienu dawk li gew elevati mill-garaxx (folio 462).

Xehed illi hu kien diver u li ghalhekk droga u alcohol ghalih kienu qishom genna u nfern. Qal illi hu kien ibiegh affarijiet tad-diving biss. Ikkonferma li fl-statement ghazel, del resto kif kien drittu, li ma jixhidx.

Kif gia’ premess, l-imputat ghamel referenza ghall-messaggi kif riprodotti f’Dok MB. Xehed ghalhekk illi hu kien jahdem mal-kumpanija Subacqua Supplies li kienu jbieghu affarijiet tad-diving u jisspulixxu d-diving centres. Spjega minhabba l-messaggi li hu, b’habi tal-employer tieghu, kien jixtri oggett ghalih, ibieghu u jzomm il-commission. Kien allura jgawdi minn 20% discount.

Spjega li dwar messaggi ta’ xi hadd li ried jikxfu, din kienet tfajla li kien hassar minn naghha.

Dwar messagg koncernanti minimum price fuq Cobra “215 instead of 245” (folio 465), xehed illi dak kien klijent li kien qieghed jurih ir-retail price ta’ computer tad-diving, mudell Santo, allura jghid illi ma’ dan beda jiddilja l-prezz.

Dwar messaggi ohra “ex vision 19.50 without receipt”, xehed illi dan kien koncernanti maskla tal-Mares. Xehed ukoll li bhala part time kien jahdem fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civli bhala search and rescue diver, dan xoghol fuq bazi volontarju.

Bil-gurament tieghu nnega li l-affarijiet elevati mill-pulizija hu kien qatt rahom qabel. Qal anzi li qatt ma nstabu fingerprints tieghu.

Dwar id-droga misjuba xehed illi din instabet go garaxx mikri lil missieru, baqa’ wkoll insistenti li hu kien jobdi l-ordni ta’ missieru li l-bank ma jmissux. Ikkonferma li

missieru l-bank ma kinx izommu msakkar. Ma kinx jaf iwiegeb lil min kien mikri l-garaxx qabel.

In kontro ezami wiegeb illi huh Dino fil-fatt ma kinx jorqod id-dar tieghu l-Qrendi mal-mara tieghu. Ikkonferma ghalhekk illi huh kien mizzewweg. Ikkonferma li Dino ma kinx ihalli l-karozza tieghu fil-garaxx koncernat.

Mistoqsi jekk fil-garaxx kinx idahhal il-karozza tieghu, wiegeb illi gieli.

Dwar is-sejba tar-raza tal-cannabis misjuba gol-kamra tas-sodda, issa xehed illi din instabet fil-living room quddiem it-television f’ash tray. Zied illi hemm kien ikun hemm missieru l-gurnata kollha, u zied illi fil-gwardarobba tieghu ma kien hemm xejn.

Qal illi d-droga li nstabet god-dar ta’ ommu ma kinitx tieghu, ma kinitx t’ommu, u dwar missieru qal illi dan zmienu kien ghamlu.

Dwar ic-cwievet tal-garaxx innega li kien hu li raddhom lura lil Bouvett. Anzi qal illi c-cwievet gia’ kienu hemm ghax il-missier kien gia’ tela’ bil-karozzi. Kien missieru li fil-fatt skondtu kien baghtu jkompli jbattal il-garaxx u jghabbi kollox fil-jeep tieghu.

Ittella’ jixhed in difesa certu Carmel Vella Brincat li kkonferma li l-imputat kien fil-fatt impjegat mas-socjeta’ Subacqua Supplies & Services Ltd. Xogholu qal illi kien sales u equipment testing. Xehed ukoll illi mal-imputat qatt ma skontra problema.

Rita Vella xehdet illi kienet tahdem go Scuba Diving School u li maghha kellha mpjegat lill-imputat ghal perjodu ta’ tlitt snin.

Patrick Murto, direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, xehed illi l-imputat kien voluntier mad-Dipartiment ghal tlitt snin, jaghmel xoghol ta’ bughaddas mad-Dipartiment. Spjega li jkollhom general training kull nhar ta’ Sibt u jippartecipa f’attivitajiet ta’ incidenti.

Rat anke r-relazzjoni ezebita tal-compodium tal-assi redatta minn Dr Richard Sladden.

Rat ukoll in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-Prosekuzzjoni. Rat ukoll li d-Difiza naqset illi tipprezenta n-nota taghha.

Ikkunsidrat:

Illi bi qbil ma’ dak li ssottomettiet il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha, certament l-ammont ta’ droga misjuba fil-garaxx mikri lil missier l-imputat, ma jhalli ebda dubbju li ma kinx wiehed kompatibbli facilment ma’ uzu personali – anke ghall-fatt illi droga minnhom gia’ kienet tidher imqassma.

Din pero ma kinitx il-linja difenzjonali adottata mill-istess imputat, li b’mod forsi anke indirett ezonera r-responsabbilta’ tal-pussess tas-sustanza llegali billi donnu implika f’dan lil missieru. Eskluda ghal kollox minn dan lil ommu, u fix-xhieda tieghu stess indika li huh mizzewweg kien jghix il-Qrendi.

Innega l-istess imputat li hu kien juza daqstant il-garaxx, attribwixxa dan l-uzu lil ommu u lil missieru, u li hu qatt kellu cavetta, anzi qal li kellhom biss cavetta wahda tal-fond li kienet tithalla wara l-bieb tad-dar. Ghalhekk innega dak li xehed Bouvett, sid il-garaxx li : (a) kien juza l-istess garaxx, u (b) li kien hu li raddlu lura c-cavetta tal-garaxx. Donnu wkoll nesa zewg fatti mportanti l-imputat – illi l-pulizija intercettawh hdejn il-garaxx; kif ukoll illi gol-istess garaxx, li skondtu ma kinx juza hlief ftit, instabu zewg vetturi tieghu – Toyota RAV4 u Suzuki Samurai, u dan kif jidher mid-dokument Dok DD u DD1.

L-imputat ta zewg verzjonijiet kontrastanti ma’ dak li xehdu t-tliet pulizija gia’ hawn fuq imsemmija, li ntercettawh u li ghamlu s-searches fil-garaxx u fid-dar ta’ ommu u missieru. Spjega li l-mizien tar-ramm kien ta’ nanntu u nstab fil-cupboard, mhux kif xehdu l-pulizija u gie kkonstatat mis-SOCO; u li l-joint misjub fil-kamra tas-sodda tieghu kien skondtu misjub go f’ash tray fil-living

room fejn solitament ikun hemm missieru. Mix-xhieda tat-tliet pulizija, anke dawn l-oggetti kif dokumentati a tempo vergine (vide ritratti 132 u 141, u relazzjoni Dok KG S.O.C.O) jirrizulta li dawn instabu f'cirkostanzi differenti.

Anke jekk l-imputat huwa bughaddas u li l-vizzju tad-droga mhux konsonanti ma' tali attivita' - jinsisti hu li huma l-genna u l-infern. Pero kull spjegazzjoni li ta hu, li ghazel li jaghti, xejn ma hi veritjiera, u hija ben kontradetta mill-fatti kif rizultanti mill-provi prodotti. L-aktar kontradizzjoni hija l-joint misjuba gol-kamra tas-sodda tieghu u n-negazzjoni tal-uzu tal-garaxx, fejn instabu zewg vetturi tieghu!!

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija tal-akkuzi lilu addebitati, wara li rat id-Disposizzjonijiet 4 u 6 tat-Taqsima tal-Ordinanza, illum Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; G.N.292/1939; l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 40(A), u 120(A) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta; Avviz Legali 22/1985; u Artikolu 16 tal-Att V tal-1985.

Dwar il-piena, qieset il-fedina penali tieghu – netta, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta' €5,000
Tikkundannah ukoll ghall-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-somma komplessiva ta' €3,407.49

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------